# RQAQAT TAL-KITBA

Ir-reqqa tal-kitba trid, fost ħwejjeġ oħra, li nagħżlu dejjem l-aħjar kelma li tfisser il-ħsieb tagħna kif tnissel u kif issawwar f'moħħna. Kelma mibdula biż-żejjed hi biex tħassar il-ħsieb u tatih għamla oħra. Kelma waħda tfisser ħsieb wieħed, u' ħsieb wieħed jitfisser b'kelma waħda; biddel il-kelma u jitbiddel il-ħsieb, biddel il-ħsieb u titbiddel il-kelma. X'uħud mill-kittieba dan xejn ma jqisuh; l-ewwel kelma li tiġihom, malajr jaqbduha, bla ma joqogħdu jifluha, jiżnuha, jqisuha biex jaraw taqbelx f'kollox għall-ħsieb li jridu jfissru. Minn hawn ġejj li ħafna mill-kitba Maltija nieqsa mill-qawwa u mill-ġmiel, nieqsa minn dak is-safa li jurik moħħ il-kittieb u qalbu kif iħosshom hu. Għalhekk jaħtieġ naħsbu qabel ma niktbu biex nagħżlu dejjem l-aħjar kelma, u nimxu fuq il-kitba tal-aħjar kittieba.

Hawn sa nsemmi xi kliem li aktarx nibdluhom bla ma nqisu xejn :

FERRAGĦ, SAWWAB.

Il-verb *sawwab* ftit ninqdew bih; aktarx li dejjem ngħidu *ferragħ*. Hekk ngħidu : *ferragħ ix-xkora, l ilma l-imbid.* Iżda ż-żewġ verbi ma jfissrux ħaġa waħda. *Ferragħ* tfisser *svojta*; *sawwab* tfisser *tefa' l-ilma minn ġo xi ħaġa.* Għalhekk għandna ngħidu : *ferragħ ix-xkora, il-barmil*; u *sawwab l-ilma*, u mhux : *ferragħ l-ilma.* Hekk ukoll fl-ingliż : *to empty* u *to pour*; u fit-taljan : *vuotare* u *versare.*

FOMM, ĦALQ.

*Fomm* hi l-fetħa bejn ix-xuftejn; il-*ħalq* hu l-ġewwa mix-xuftejn. Għalhekk ngħidu : *fomm żgħir, fomm ħelu, bexxaq fommu, fomm sieket*; *ħalq żgħir* ifisser ħaġ'oħra; *ħalq ħelu, bexxaq ħalqu, ħalq sieket* ma ngħidux. Iżda ngħidu : *ħalq mimli* u mhux *fommu mimli, is-saqaf tal-ħalq* u mhux *is-saqaf tal-fomm.* Nistgħu ngħidu *fetaħ fommu* u *fetaħ ħalqu*, iżda ma jfissrux bħal xulxin. *Fetaħ fommu* jfisser fetaħ ftit jew bexxaq xuftejh biex jitkellem; *fetaħ ħalqu* jfisser fetaħ fommu beraħ biex jiekol jew igħajjat. Lil wieħed li għadu ma qalx kelma ngħidu : *għadek ma ftaħtx fommok*, u mhux *għadek ma ftaħtx ħalqek.*

SAĦĦA, QAWWA.

Żewġ kelmiet li nħawwduhom għalkemm ma jfissrux ħaġa waħda. *Saħħa* hija n-nuqqas ta' kull mankament jew mard tal-ġisem. *Qawwa* hija l-forza tal-bniedem jew tal-ħlejjaq l-oħra. Wieħed trux jew agħma ngħidulu *bla saħħa*, għalkemm jista' jkollu *qawwa* ta' ljun. Wieħed xiħ ta' tmenin sena jista' jkun f'*saħtu*, iżda mingħajr l-ebda *qawwa*. Meta bniedem ikun

f'siktu, ikollu l-qawwa u s-saħħa, u għalhekk ngħidulu *qawwi u sħiħ*. Meta marid ifiq l-ewwel *jissaħħaħ*, imbagħad *jitqawwa*.

## TIĠRIB U TIĠRIF

Liema minnhom għandna ngħidu fil-*Paternoster?* X'uħud igħidu: *la ddaħħalniex fit-tiġrif*, jiġifieri: *la tħalliniex niġġarfu fid-dnub*. Oħrajn igħidu: *la ddaħħalniex fit-tiġrib*, jiġifieri *la tħalliniex niġġarrbu u naqgħu*. Liema għandna nagħżlu? It-talba tal-Paternoster nafuha mill-Grieg, u fil-grieg il-kelma *peirasmos* tfisser *tentazjoni*, jiġifieri dak kollu li jinbixna biex nagħmlu d-dnub. Issa l-verb malti *ġarrab* ifisser sewwa sew *ipprova, ittanta*; mela *tiġrib* tfisser *tentazjoni*. Għalhekk għandna ngħidu: *la ddaħħalniex fit-tiġrib*, bħalma naqraw ukoll fil-kotba Għarbin.

P.P. S.